# Lectio Divina

## Corpus Domini - Sena B

## Mk 14, 12-16.22-26

**Kuntest**
L-ewwel parti tal-Kapitlu 14 tal-Vanġelu ta' San Mark hija mqassma f'ħames sezzjonijiet: 1-11, il-komplott ta' Ġuda; 12-16: il-preparazzjoni taċ-Ċena; 17-31: iċ-Ċena Ewkaristika; 32-42: il-Ġetsemani; 43-50: l-eżekuzzjoni tal-pjan ta' Ġuda. Fiċ-ċentru hemm iċ-Ċena Paskwali ta' Ġesu'. Ser nieqfu biss fuq il-preparazzjoni (v. 12-16) u l-mument ċentrali: l-Istituzzjoni tal-Ewkaristija (v. 22-25).

Ir-rakkont tal-Aħħar Ċena insibuh f'erba' rakkonti: tlieta fis-Sinottiċi (Mk 14,22-25; Mt 26,26-29; Lq 22,18-20) u l-ieħor fl-Ewwel Ittra lill-Korintin (1 Kor 11,23-25).

**« Fl-ewwel jum ta' l-Ażżmi, meta kienu jissagrifikaw il-ħaruf ta' l-Għid, id-dixxipli tiegħu qalulu: "Fejn tridna mmorru nħejju biex tiekol l-ikla ta' l-Għid?". Mbagħad hu bagħat tnejn mid-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Morru l-belt, u tiltaqgħu ma' raġel iġorr ġarra ilma. Morru warajh, u għidu lil sid id-dar ta' fejn tarawh dieħel, 'Qallek l-Imgħallem: Fejn hi l-kamra tiegħi li fiha nista' niekol l-ikla ta' l-Għid mad-dixxipli tiegħi? » (v.12-14)**
L-istruzzjonijiet ta' Ġesu' juru li huwa kien diġa' għamel l-arraġamenti meħtieġa, bħalma kien għamel fid-daħla tiegħu f'Ġerusalemm (11,1-6). Kull fejn id-dixxiplu huwa msejjaħ li jmur Ġesu' ikun diġa' ippreparalu t-triq : *« Imma morru għidu lid-dixxipli tiegħu, u lil Pietru, li hu sejjer fil-Galilija qabilkom; tarawh hemmhekk, kif kien qalilkom." »* (Mt 16,7).

Ikla tal-Għid kienet tinkludi l-elementi tradizzonali : barka minn sid id-dar, l-ikel ċerimonjali u l-inbid, ir-rakkont tal-istorja tal-Eżodu u l-kant tal-innijiet. Il-barka kienet talba ta' radd il-ħajr lil Alla talli ħa ħsieb il-poplu tiegħu u l-qsim tal-ħobż kien sinjal tal-għaqda ta' bejniethom (anke Ġuda huwa inkuż magħhom). Skont id-drawwa s-sid kien jinterpreta kull gest f'relazzjoni mal-Eżodu.

**« Huma u jieklu, ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newwilhulhom u qal: "Ħudu, dan hu ġismi." Mbagħad ħa kalċi f'idejh, radd il-ħajr, u newwilhulhom, u lkoll xorbu minnu. U qalilhom: "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għal ħafna. » (v. 22-24)**
L-azzjonijiet inizjali ta' Ġesu' huma dawk ta' ikla lhudija u huma identiċi fil-mirakli tal-ħobż (6,41 u 8,6). Imma Ġesu' imur 'l hinn minn dan kollu. Flok qed iħares lura (lejn l-Eżodu) Ġesu' qed iħares 'l quddiem : « dan hu ġismi ». Hawn Ġesu' qed jantiċipa u jinterpreta l-passjoni li kellha sseħħ l-għada bil-mewt tiegħu fuq is-salib : « (Ħajti) ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja» (Ġw 10,18).

***« dan hu ġismi »*** : Fl-ebrajk « gisem » mhuwiex sempliċament il-laħam imma l-persuna sħiħa bħala persuna fiżika-spiritwali. B'dan Ġesu' qed juri li l-mewt tiegħu kienet ser tkun ir-rigal tiegħu nnifsu lilhom (ara 10,45).

- Igħidilhom « ħudu », stedina biex jirċievu d-don tiegħu nnifsu fil- profond tal-ħajja tagħhom, huwa u jingħata għalihom.
- Permezz tal-istedina li jaqsmu l-ħobż flimkien, Ġismu, Ġesu' qed jgħaqqadhom miegħu u ma' xulxin, f'relazzjoni wisq iktar profonda minn dik li kienet toffri l-ikla tal-Għid lhudi.
- Fid-dawl tal-Profeti, il-qsim tal-ħobż jindika kondiviżjoni mal-fqir, ma' dak bil-ġuħ, ma' dak fil-bżonn (ara Is 58,7). Huwa att li jagħti l-ħajja.
- Ma huwiex imsemmi l-ħaruf, l-element ċentrali tal-ikla tal-Għid. Il-kliem ta' Ġesu' juri li huwa nnifsu l-Ħaruf tal-Għid li b'demmu ser jeħles lill-bnedmin mill-mewt - Kien id-demm tal-ħrief maqtula li ħeles l-poplu ta' Iżrael mill-mewt (Eżodu 12,13).
- Kull ġest ta' imħabba għandu bżonn is-sinjali.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Ewwel Insara għażlu li jsejħu l-Ewkaristija « il-Qsim tal-Ħobż » (ara Lq 24,35 ; Atti 2,42 ; 20,7).

***« ħa kalċi f'idejh, radd il-ħajr, u newwilhulhom, u lkoll xorbu minnu » :*** Jistedinhom jixorbu mill-kalċi qabel ma jagħtihom l-ispjegazzjoni ta' dak li jfisser.
Il-kalċi li Ġesu' ser jixrob huwa l-passjoni tiegħu li huwa jaċċetta minn qalbu (Mk 14,36 ; ara wkoll Is 51,17 ; Ġer 25,16-18). Ġesu' kien staqsa qabel lil Ġakbu u lil Ġwanni jekk kenux kapaċi jixorbu l-kalċi tiegħu (ara Mk 10,38).
***« Dan huwa demmi » :*** Għal Lhud kien projbit li tixrob id-demm (ara Ġen 9,4 ; Dewt 12,16). L-Antik Testment jgħidilna li d-demm kien sagru għax huwa l-post fejn hemm il-ħajja : ***« għaliex il-ħajja tal-laħam hi fid-demm li hemm fih ; għalhekk għedt lil ulied Iżrael : La tiklux id-demm ta' ebda laħam »*** (Lev 17,14). Hija għal din ir-raġuni li d-demm kien iservi ta' espjazzjoni għad-dnub : (ara Lev 17,11) - xejn ma jista' jiġi offrut lil Alla iktar minn demm ta' ħlejqa ħajja.
*« Hawn hu d-demm tal-patt » :* kienet frażi wżata fil-mument meta Alla għamel il-patt ma' Iżrael fuq is-Sinaj (Eżodu 24,1-8). Kważi kull patt kien jiġi konluż bid-demm li kien ifisser rapport ta' relazzjoni - fir-relazzjoni hemm id-demm. Fil-Patt tas-Sinaj kien hemm id-demm ta' għoġol sagrifikat imraxxax fuq il-poplu u fuq l-artal li kien jirrappreżenta lil Alla. Dan il-Patt kien ukoll konkluż b'ikla (Eżodu 24,9-11). Bid-demm tal-Iben t'Alla issa hemm rabta qawwija bejn Alla u l-bniedem li qatt ma tista' titkisser.
***« ħa… ta » :*** Ġesu' jieħu minn dak li hu tal-bniedem, iwaħħdu miegħu, jippurufikah u jagħtih lura 'imqaddes'. Dak kollu li Ġesu' jaqbad f'idejh isir għotja tiegħu nnifsu : « *Resaq lejha, qabadha minn idha u qajjimha. U d-deni ħallieha, u bdiet isservihom ». (1,31)*

***« Għal ħafna »:*** hija kelma semitika li tfisser kwantita kbira ħafna. Tiftiehem aħjar fid-dawl ta' Is 53,11-12 u mhux marbuta mal-poplu t'Iżrael: *« U miet għal kulħadd »* (2 Kor 5,14).

**« Tassew ngħidilkom, li ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta' Alla. » (v.25)**
Kif il-ħobż kien antiċipazzjoni tal-mewt ta' Ġesu' hekk issa l-kalċi huwa antiċipazzjoni ta' ħajja futura, tas-Saltna li ser tiġi, fejn il-mewt tkun mirbuħa għal dejjem. Hija antiċipazzjoni tal-*agape* etern fejn aħna nixrobu l-inbid mill-istess ħajja divina, inbid ġdid, aħħari u definittiv waqt li ngħixu fiH u miegħU għal dejjem.
L-inbid huwa s-simbolu tal-ferħ, tal-festa, tal-abbundanza (ara Is 62,9). L-inbid huwa għalhekk is-simbolu tal-ikla messjanika msemmija fil-profezija tal-Antik Testment (ara Is 25,6; 55,1). Il-ferħ ta' Ġesu' ikun sħiħ meta jara d-dixxipli tiegħu – preżenti u futuri – magħqudin miegħu fl-ikla finali u glorjuża tas-sema (ara Luqa 13,29; Apok 19,9).

L-Ewkaristija tagħmel lid-dixxipli parteċipi minn ħajja mogħtija kompletament għall-imħabba « *sal-mewt tas-salib* » (Fil 2,8), hekk twassal lil kull dixxiplu jistqarr: *« Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu.»* (Gal 2,20). L-Ewkaristija għandha l-kapaċita' li tbiddel.
Bħala esseri glorjuż, Ġesu' jagħtina ġismu glorjuż.